# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 1113/06/1 AE**

**Miriam Cremona u Joseph Muscat Manduca u b'digriet tat-22 ta' Jannar, 2013, l-kawża tkompliet mill-attriċi u minn Maria Marlene Farley-Hills, wara l-mewt tal-attur l-ieħor**

**v.**

**Eucharist Bajada u martu Diana Bajada u b'digriet tat-28 ta' Ottubru, 2010, ġew imsejħin fil-kawża Desmond Mizzi personalment u Mizzi Antiques Limited (C – 5794); u b'digriet tat-18 ta' Ottubru, 2021, l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Jean-Pierre Busuttil inħatru bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-interessi tal-wirt battal tal-intimat Eucharist Bajada li miet fil-mori tal-appell**

## Il-Qorti:

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija msejħa fil-kawża Mizzi Antiques Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "MAL") minn żewġ sentenzi

mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-ewwel waħda *in parte* mogħtija fil-15 ta' Novembru, 2013[1] (minn issa 'l hemm imsejħa "l-ewwel sentenza appellata") u minn sentenza oħra li qatgħet il-bqija tal-mertu fil-25 ta' Marzu, 2015, (minn issa 'l hemm imsejħa "it-tieni sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet premessi. Fl-ewwel sentenza appellata u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti sabet li l-atturi seħħilhom juru li huma sidien il-mejda antika mertu tal-każ u li l-imħarrek Desmond Mizzi ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Sabet ukoll li meta l-imħarrkin miżżewġin Bajada (minn issa 'l hemm imsejħin "Bajada") xtraw il-mejda, huma kienu f'bona fidi u għalhekk l-atturi rivendikanti riedu jikkumpensawhom tar-radd lura tal-mejda; ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn[2] li kienu qajmu kemm Bajada u kif ukoll MAL. Fit-tieni sentenza appellata, l-ewwel Qorti ordnat lil Bajada jroddu l-mejda lura lill-atturi appellati fi żmien tletin (30) jum, filwaqt li l-istess atturi rivendikanti kellhom, kontestwalment mar-radd lura tal-mejda, jikkumpensaw lil Bajada fis-somma ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmi (€ 13,976.24), b'dan li l-atturi kienu awtorizzati li jieħdu lura l-mejda bl-għajnuna ta' uffiċjal eżekuttiv tal-qorti jekk ikun il-każ u li jgħaddu biex jiddepożitaw l-imsemmija somma

---

[1] Għalkemm minn din is-sentenza kien tressaq appell mill-miżżewġin Bajada u kif ukoll appell inċidentali minn MAL, b'sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Diċembru, 2014, l-appell tal-miżżewġin Bajada kien miċħud, imma l-appell inċidentali ta' MAL tqies null minħabba li ma kienx intalab il-permess tal-ewwel Qorti biex titħalla tressqu
[2] Skond l-Art. 2155(1) tal-Kap 16

taħt l-awtorita` tal-Qorti f'każ li Bajada ma jersqux biex jirċievu l-ħlas tal-imsemmi kumpens;

2. Bl-azzjoni tagħhom, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") kienu talbu r-rivendika ta' mejda antika li kienet f'idejn Bajada li, min-naħa tagħhom, kienu kisbuha mingħand MAL li kienet esponietha għall-bejgħ fi stabbiliment tagħha. L-atturi raw il-mejda għand irkantatur meta Bajada qatgħuha li jbiegħuha f'irkant pubbliku;

3. Matul il-mixi tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti, MAL u Desmond Mizzi ssejħu fil-kawża fuq talba ta' Bajada;

4. Fl-ewwel sentenza appellata, li l-biċċa l-kbira minnha kienet iddeterminat l-ewwel talba attriċi fil-mertu u kienet ukoll tirrigwarda bosta mill-eċċezzjonijiet imqajmin minn Bajada u MAL u Desmond Mizzi, l-ewwel Qorti kienet waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet:

> "***Legittimu kontradittur***.
>
> *Ma jirrizultax li l-konvenut Desmond Mizzi ghamel xi negozju mal-konjugi Bajada, u mill-provi jidher li kienet Mizzi Antiques Limited li bieghet il-mejda lil Bajada.*
>
> *Ghalhekk Desmond Mizzi ser jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.*
>
> *Fir-rigward ta' Mizzi Antiques Limited, il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni tas-7 ta' Mejju 2010 osservat li:-*

> *"Skond l-Artikoli 1409 u 1411 tal-Kodici Civili, bejjiegh ta' oggett jaghmel tajjeb lix-xerrej ghall-evizzjoni li ttellfu l-haga mibjugha, u ghandu jrodd lura l-prezz anke jekk ikun miftiehem li l-venditur ma jkunx qed jaghti garanzija ta' pacifiku pussess. Issa, skond l-Artikolu 1422 tal-istess Kodici, il-bejjiegh jinheles minn kull responsabbilta' taht il-garanzija 'jekk ix-xerrej ikun halla li jigi kkundannat b'sentenza li ghaddiet f'gudikat minghajr ma sejjah fil-kawza lill-bejjiegh, meta dan jipprova li seta' jgib 'il quddiem ragunijiet bizzejjed, illi x-xerrej ma giebx, u illi bihom it-talba gudizzjarja kienet tigi michuda.'*
>
> *Kwindi, meta kontra xerrej titressaq kawza ghar-radd lura tal-oggett mixtri, dan ix-xerrej ghandu interess qawwi mhux li jsejjah lill-venditur bhala xhud biex jiddefendi t-titolu tieghu, izda li effettivament issejjahlu fil-kawza, biex jekk ix-xerrej ikun kostrett jikkonsenja l-oggett lill-atturi, il-vendituri ma jkollhomx skuza u jkollhom, tal-anqas, iroddu lura l-prezz imhallas.".*

*Fil-fehma tal-qorti t-twegiba ghall-ewwel eccezzjoni tal-imsejhin fil-kawza hu f'dan il-bran mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell.*

***Proprjeta**.*

*L-atturi taw prova sodisfacenti li l-mejda in kwistjoni kienet tinsab fil-fond Bay View Cottage, 64, Triq iz-Zonqor, Marsascala. Fil-fatt kienet fil-pussess ta' Frances Manduca, iz-zija taghhom, li mietet xebba fit-13 ta' Marzu 1993 (fol. 5). F'dan ir-rigward:-*

*i. Il-mejda tissemma fil-mandat ta' deskrizzjoni numru: 536/81 fl-ismijiet* **Louis Manduca vs Frances Manduca** *(fol. 45), li gie ezegwit fil-fond 56 (illum 64), Triq Zonqor, Marsascala[3];*

*ii. L-attrici stess ikkonfermat li l-mejda kienet fil-pussess taz-zija Frances Manduca. Fatt li m'huwiex kontradett minn xi prova ohra.*

*Hu minnu li ma ngiebet l-ebda prova dokumentarja ta' titolu li Frances Manduca seta' kellha fuq il-mejda. Pero' japplika wkoll l-principju stabbilit fl-Artikolu 558 tal-Kodici Civili, cjoe' li possession vaut titre. Ghalkemm jista' jkun li Louis Manduca kien qieghed jippretendi xi jeddijiet fuq il-mejda[4], m'hemmx prova li l-mejda kienet proprjeta tieghu. Irrizulta kif Louis Manduca okkupa illegalment il-fond Bay View Cottage. Hu evidenti li meta gie zgumbrat ha l-mejda ghall-vantagg personali tieghu, tant li bieghha lil Mizzi Antiques Limited.*

---

[3] *"Mejda antika bl-irhama bid-disinn"* (fol. 47).
[4] Fil-fatt hekk jidher mill-mandat ta' deskrizzjoni 536/81.

*Il-werrieta ta' Frances Manduca kienet ohtha, Marie-Louise, omm l-atturi (ara testment a fol. 10). L-omm mietet fit-2 ta' Jannar 1997[5] u wirtuha l-atturi u ohthom Marlene Farley Hills.*

*Ghalhekk il-qorti hi tal-fehma li l-atturi taw prova tal-proprjeta' tal-mejda. Fil-fehma tal-qorti lanqas mhu sewwa li ssir riferenza ghal dak li xehed l-attur Joseph Muscat Manduca waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2011. Seduta li saret gewwa San Vincenz de Paule. Dawk kollha prezenti kienu xhieda ghall-istat xejn felici tal-memorja ta' dan l-anzjan li miet ftit wara.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-imsejhin fil-kawza sar ukoll l-argument li l-mejda ma gietx dikjarata fid-denunzja tal-predecessuri tal-atturi. Fir-rigward ta' omm l-atturi ma kien hemm l-ebda htiega li jigu dikjarati l-mobbli li halliet fil-wirt, gialdarba li fid-data tal-mewt taghha l-ligi kienet ilha s-snin li nbidlet. Fir-rigward ta' Frances Manduca ma giet prezentata l-ebda denunzja taghha, u ghalhekk mhux maghruf. Inoltre, hi l-fehma tal-qorti li rrispettivament ta' x'gara, tali cirkostanza anke jekk veru ma teghlibx dak li nghad hawn fuq.*

*L-imsejhin fil-kawza argumentaw ukoll li l-atturi ma jistghux jiehdu beneficcju minn dak li jghid l-Artikolu 559 tal-Kodici Civili peress li dan japplika ghal "dak li jkun tilef il-haga. Jew li jkun gie misruq minnha". Tali persuna ma hijiex l-attrici ghaliex l-attrici ma tilfet u ma nsterqilha xejn. Tali persuna li semmai giet misruqa hija ommha li fi kliem l-attrici stess kienet iddecidiet li ma tipprocedix". L-imsejhin fil-kawza qeghdin jinsew li omm l-atturi mietet fit-2 ta' Janar 1997 waqt li kienet ghadha pendenti l-kawza ta' spoll fir-rigward tal-fond fejn kienet tinsab il-mejda, u sa dak iz-zmien m'hemmx dubju li kienet ghadha fil-pussess ta' Luis Manduca wara li dahal fil-fond u okkupah illegalment.*

*Ghal kull buon fini l-qorti tosserva wkoll li sabiex tirnexxi din it-tip ta' azzjoni m'huwiex mehtieg li l-werrieta kollha jkunu parti. Kull wiehed minnhom ghandu dritt li jipproponi kawza biex jirkupra l-pussess ta' mobbli li jkun intilef jew insteraq.*

***Buona Fede**.*

*Il-konjugi Bajada jsostnu li meta xtraw il-mejda kienu in buona fede[6]. Jirrizulta li huma hallsu prezz ta' Lm6,000[7].*

---

[5] Mir-ricerki testamentarji (fol. 13 u 15) jirrizulta li mietet intestate u ghalhekk wirtuha wliedha.

[6] *"La buona fede individua lo stato soggettivo di ignoranza dell'altruita' del diritto da parti di chi eserciti attualmente il potere sulla res, tanto nel caso in cui il soggetto abbia acquisito il possesso da chi non era a sua volta titolare del diritto e gli abbia nondimeno trasferito quest'ultimo unitamente al possesso; quanto nell'ipotesi in cui egli abbia conseguito autonomamente il possesso, instaurando di sua iniziativa il rapporto di fatto col bene (ad es., Tizio occupa una parte di un fondo contiguo altrui inconsapevolmente o ritenendolo proprio).*" (*Lezioni di Diritto Privato*, Claudio Turco (Giuffre' Editore) pagna 222).

[7] Ghalkemm ma pprezentawx ricevuta tal-hlas, mir-records ta' Mizzi Antiques Limited jirrizulta li dik kienet is-somma li hallsu l-konjugi Bajada (ara Dok. AA4 a fol. 151). Fid-dokument AA4

*Il-qorti tosserva li ghall-ezitu ta' din il-kawza m'huwiex rilevanti jekk l-awtur ta' Bajada kienx in buona fede meta ghamel in-negozju ma' Manduca. Ghal finijiet ta' din il-kawza dak li hu rilevanti hu jekk Bajada xtarax minghand Mizzi Antique Limited in buona fede.*

*F'kull kaz il-qorti kellha l-opportunita' li tisma' lil Dolores Mizzi, omm Desmond Mizzi, tixhed viva voce (seduta 18 ta' April 2013). Ix-xhud kienet konsistenti u deheret certa f'dak li qalet, u l-qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-kredibilita' taghha.*

*Fis-sentenza **Dr Gavin Gulia nomine vs Sergio Zampa proprio et nomine** deciza fil-31 ta' Mejju 2000, il-Qorti tal-Appell osservat:-*

> *"Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti ma tatx piz bizzejjed lill-principju minnha sewwa enuncjat illi l-oneru tal-prova li l-possessur kien in mala fide, kien fuq is-sid, kif espressament kien jipprovdi l-artikolu 532 tal-Kodici Civili[8]. Hu veru li l-attur, li ried jehles mill-obbligu li jindennizza lill-konvenut ghall-oggett misruq li jkun xtara, kellu juri li dan jew kien jaf li l-platti ma kienux tieghu, jew li mic-cirkostanzi kien messu jkun jaf, jew li ma akkwistahomx minghand min milli kien jidher seta' kien is-sid jew xi hadd imqabbad mis-sid biex jiddisponi minnhom."*

*Il-qorti kompliet tghid:-*

> *"Din il-prova tal-mala fede tal-possessur fil-mument meta sar l-akkwist kellha tkun wahda certa u attendibbli. F'kaz ta' dubju ragonevoli dan kellu jmur favur il-possessur akkwirent ghaliex, f'dawk ic-cirkostanzi, kellha tipprevali l-prezunzjoni tal-bona fede. Mill-banda l-ohra l-ligi tezigi li l-possessur irid ikun xtara minghand persuna li verosimilment setghet tkun il-proprjetarja tal-haga jew persuna inkarigata mis-sid ghal dan l-effett….*
>
> *Il-ligi allura, apparti l-element tal-bona fede, li n-nuqqas taghha kellha tigi pruvata mis-sid, tesigi wkoll f'dawn ic-cirkostanzi, l-element tal-kura li kellu jiehu ix-xerrej biex jassigura ruhu mill-provenjenza ta' l-oggett mixtri f'cirkostanzi li setghu iqajjmu suspett. Nuqqas ta' diligenza f'dan ir-rigward kien serjament jippregudika d-dritt tax-xerrej ghall-indenniz…..*
>
> *Dan l-element ta' diligenza kellu necessarjament jemergi minn apprezzament ta' cirkostanzi fattwali li fihom ikun sar in-negozju, u kien bilfors jispetta lix-xerrej li jipprova li dawk ic-cirkostanzi kienu tali li ma setghux qanqlu fih is-suspett illi*

(fol. 151) jissemma n-negozju li sar mal-konjugi Bajada, tant li hemm id-dettalji taghhom, cjoe' isimhom, l-indirizz u numri tat-telefon.

[8] *"Ghandu dejjem jinghadd li wiehed huwa bona fidi, u min jeccepixxi l-mala fidi ghandu jippruvaha".*

*ma kienx qed jixtri minghand il-proprjetarju innifsu jew minghand min kien minnu nkarigat biex tbiegh.".*

*Il-principji konfermati mill-Qorti tal-Appell huma:-*

*iii. Ix-xerrej ghandu favur tieghu l-presunzjoni tal-buona fede. Ghalhekk jispetta lill-attur li jaghti prova li x-xerrej kien f'mala fede.*

*iv. Ix-xerrej kellu l-obbligu ta' diligenza meta xtara l-oggett. Element li x-xerrej irid jaghti prova tieghu.*

*Il-qorti hi tal-fehma li l-atturi ma ressqux provi li l-konjugi Bajada kienu in mala fede meta xtraw il-mejda, u dan meqjus:-*

*i. L-akkwist sar minghand Mizzi Antiques Limited li tbiegh u tixtri mobbli antiki. Din kienet mejda esposta ghall-bejgh f'hanut. Ghalhekk dan m'huwiex bejgh li sar bil-mohbi. Kif xtara l-mejda Bajada seta' jixtriha kwalunkwe persuna ohra li dahlet fil-hanut ta' Mizzi Antiques Limited. Il-qorti ma tara l-ebda cirkostanza li f'dak il-mument setghet qajmet suspett f'mohh Bajada dwar il-provenjenza tal-mejda.*

*ii. Meta Bajada ddecieda li jbiegh il-mejda kien poggiha ghall-bejgh f'irkant li kellu jsir ghand Belgravia Auction Gallery. Ir-raguni tghidlek li kieku Bajada kien jaf li l-mejda kienet misruqa, ma kienx ser jipprova jbieghha f'irkant pubbliku f'Malta, fejn is-suq huwa limitat. Sahansitra, rrizulta wkoll kif:-*

*(a) Bajada kien sellef din il-mejda lill-Fondazzjoni Patrimonju Maltija Antique Furniture in Malta fl-2002.*

*(b) Meta l-mejda kienet fil-pussess ta' Bajada kien mar jaraha ghandu Joseph Galea Naudi, kuratur tal-Muzew ta' San Gwann li sahansitra kiteb artikolu dwar il-wicc tal-irham tal-mejda (fol. 62).*

*Cirkostanzi li jkomplu jikkonvincu lill-qorti li Bajada sab ruhu f'din il-kwistjoni innocentement.*

*iii. Ghalkemm l-attrici ssostni li l-mejda ghandha valur ta' Lm40,000 u Bajada xtraha ghall-prezz ta' Lm6,000, ic-cirkostanzi l-ohra li ssemmew jikkonvincu lill-qorti li ma kienx hemm ragunijiet li kellhom iwasslu lil Bajada sabiex jissuspetta hazin. Meta l-qorti semghet lill-konvenut Bajada jixhed ma fehmitx li hu xi espert ta' mwejjed simili ghal dik meritu tal-kawza. Hu veru li ghandu partijiet tad-dar b'affarijiet li qal li huma antiki, pero' dan ma jaghmluhx espert. Sahansitra kien talab parir minghand Joseph Galea Naudi dwar il-mejda, li xehed li bejn l-1 ta' Frar u 13 ta' April tal-2001, kien ikkomunika mieghu l-konvenut u talbu jezamina mejda antika u jaghtih parir dwarha (fol. 69). Ghalkemm Bajada kien ikkummissjona lil Belgravia biex tbiegh il-*

*mejda ghall-prezz ta' mhux inqas minn Lm25,000*[9]*, sa dak iz-zmien bilfors li kien sar jaf li kienet ta' valur wara li kienu rawha Joseph Galea Naudi u giet esposta f'wirja miftuha ghall-pubbliku organizzata mill-Fondazzjoni Partimonju Malti. Ghalhekk mill-fatt li talab dan il-prezza ma jnissilx fil-qorti suspett dwar il-kredibilita' tieghu.*

***Preskrizzjoni**.*

*Il-konvenuti u l-imsejhin fil-kawza invokaw il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2155(1) tal-Kodici Civili, li jipprovdi:-*

> *"L-azzjoni biex wiehed jiehu lura minghand terza persuna l-haga mobbli mitlufa, jew misruqa, meta hemm jedd ghal din l-azzjoni taht l-artikolu 559, taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn, jekk it-terz ikun ircieva l-haga b'bona fidi".*

*Fis-sitt eccezzjoni l-konvenut Bajada invoka "preskrizzjoni akkwizittiva tas-sentejn". L-istess argumentaw l-imsejhin fil-kawza fin-nota ta' sottomissjonijiet.*

*L-imsejhin fil-kawza ghamlu riferenza ghan-noti tal-Professur V. Caruana Galizia li kiteb: "Regard being had to its result, however, the said prescription is acquisitive, since the extinction of the owner's right to recover his thing implies its acquisition by a third person".*

*M'hemmx dubju li l-Artikolu 2155(1) qieghed jikkontempla t-telfien ta' jedd ta' azzjoni. Provvediment li qieghed f'dik il-parti tal-Kodici Civili li jitratta dwar preskrizzjoni estintiva, cjoe' t-telfien ta' jedd ta' azzjoni.*

*Fil-fehma tal-qorti l-interpretazzjoni korretta hi li l-estinzjoni tal-jedd ta' azzjoni tas-sid sabiex jirkupra l-pussess tal-mobbli bit-trapass ta' sentejn, twassal sabiex min-naha l-ohra b'mod indirett it-terz jakkwista l-proprjeta' bil-preskrizzjoni. Il-preskrizzjoni akkwizittiva hi biss effett tal-fatt li s-sid ikun tilef il-jedd li jipproponi kawza sabiex jirkupra l-pussess tal-mobbli minhabba l-preskrizzjoni estintiva.*

*Miriam Cremona qalet li saret taf fejn kienet il-mejda l-Hadd 3 ta' Dicembru 2006 meta marret ghal viewing tal-oggetti li Belgravia kienet ser tbiegh f'irkant. Fatt li m'huwiex kontradett minn xi prova ohra. Il-kawza giet prezentata fl-14 ta' Dicembru 2006. M'hemmx prova li l-atturi kienu, qabel it-3 ta' Dicembru 2006, jafu li l-mejda qeghda fil-pussess ta' Bajada. Ghalhekk ma kienx possibbli ghalihom li jipprezentaw il-kawza qabel it-3 ta' Dicembru 2006. Hu minnu li l-atturi setghu, wara li fis-16 ta' Jannar 2003 dahlu fil-fond u sabuh vojt, hadu passi gudizzjarji kontra l-konjugi Bajada. Pero' rrizulta li Manduca kien biegh il-mejda fit-30 ta' Ottubru 2000, cjoe' fi zmien meta s-sidien ma*

[9] Ara deposizzjoni ta' Joseph Sammut, sid ta' Belgravia Antiques (fol. 268).

*kellhomx access ghal gewwa d-dar. Irrizulta wkoll li Bajada xtraw il-mejda lejn l-ahhar ta' dik is-sena (ara dokument a fol. 151). Certament hadd ma jista' jippretendi li s-sidien setghu jkunu jafu b'dak li kien ghamel Louis Manduca minn wara darhom. Ghalhekk qabel it-3 ta' Dicembru 2006, meta l-attrici rat il-mejda u saret taf b'dak kollu li gara, il-preskrizzjoni kienet ghadha ma bdietx tiddekorri. Jissemma wkoll kif ghalkemm l-atturi talbu ghall-intervent tal-pulizija sabiex tigi rintraccata l-mejda, gew infurmati li din kienet materja civili u ghalhekk ma kienux ser jintervjenu (ara deposizzjoni tal-Ispettur Anthony Cassar, fol. 235). Skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili, il-preskrizzjoni tiddekorri minn meta l-atturi jistghu jezercitaw l-azzjoni. L-azzjoni kontra t-terz (Bajada) ma setatx issir qabel l-atturi saru jafu li l-mejda spiccat ghand il-konjugi Bajda.*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.*

***<u>Indenniz</u>***.

*Gialadarba l-qorti hi moralment konvinta li l-konvenuti Bajada kienu in buona fede, l-atturi ghandhom jindennizzawhom (Artikolu 559(1) tal-Kodici Civili). Indennizz li fil-fehma tal-qorti ghandu jithallas kontestwalment mal-konsenja tal-mejda. Id-domanda hi, kemm ghandu jkun tali ammont. Hadd mill-partijiet ma ghamel xi sottomissjonijiet dwar dan, u l-qorti hi tal-fehma li qabel tiddeciedi ghandha taghti lill-partijiet l-opportunita' biex jesprimu l-fehma taghhom. Fil-fehma tal-qorti ghandha d-dmir li ma tissorprendi lill-hadd mill-partijiet. Ghalkemm huwa minnu li fir-rikors guramentat m'hemmx talba espressa ghal likwidazzjoni ta' xi somma flus, fil-fehma tal-qorti dan hu l-gudizzju fejn ghandu jsir tali ezercizzju gialadarba s-sid li jitlob l-oggett lura ghandu obbligu li jindennizza lill-pussessur. Kwistjoni li hi parti integrali mill-vertenza, u mehtiega sabiex il-kwistjoni tinqata' darba ghal dejjem minghajr iktar spejjez u trapass ta' zmien. Dan mehud ukoll in konsiderazzjoni li r-rikors guramentat fih talba sabiex il-konvenuti jirritornaw lura l-pussess tal-mejda in kwistjoni. Meqjus li eventwalment din it-talba ser tintlaqa' u mehud in konsiderazzjoni li l-qorti diga' ddikjarat li l-konjugi Bajada ghandhom jigu ndennizzati, allura dan hu l-gudizzju fejn tali cifra trid tigi likwidata. M'ghandux ikun li l-konjugi Bajada, li xtraw in buona fede, jigu mgieghla jirrilaxxaw l-immobbli* [***recte:*** il-mobbli] *u mbaghad ikunu kostretti li jharrku lis-sidien biex jiehdu dak li legalment ghandhom dritt ghalih*";

5. Fit-tieni sentenza appellata, li kienet tirrigwarda t-tieni u t-tielet talbiet attriċi, l-ewwel Qorti kienet għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"***<u>Kwistjoni</u>***.

*Wara s-sentenza preliminari tal-15 ta' Novembru 2013 (fol. 337) u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Dicembru 2014[10], fadal li tinghata sentenza dwar it-tieni u tielet talbiet tal-atturi, u l-hlas li l-atturi ghandhom jaghmlu lill-konvenuti konjugi Bajada fit-termini tal-Artikolu 559 tal-Kodici Civili, li jipprovdi:-*

> *"Iżda, dak li jkun tilef il-ħaġa, jew li jkun ġie misruq minnha, jista' jitlobha lura billi **jindennizza lill-pussessur**".*

*Il-kaz jitratta dwar mejda antika. L-atturi ghamlu kawza kontra l-konjugi Bajada, li huma l-pussessuri tal-mejda, sabiex tinghata lura lilhom ghaliex isostnu li hi proprjeta taghhom u kienet insterqitilhom. B'sentenza tal-15 ta' Novembru 2013 il-qorti ddikjarat li l-mejda hi tal-atturi u kkonkludiet li l-konvenuti Bajada kienu in buona fede meta akkwistawha minghand Mizzi Antiques Limited.*

*Il-qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-atturi u tal-kumpannija msejha fil-kawza, rat in-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw il-partijiet u regghet rat l-atti.*

***Konsiderazzjonijiet.***

*Il-qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konjugi Bajada (20.2.2015) u tal-atturi (12.3.2015).*

*Provvediment simili ghall-Artikolu 559 tal-Kodici Civili kien l-Artikolu 708 tal-Kodici Civili Taljan tal-1865, li kien jipprovdi:-*

> *"Colui pero' che ha smarrita la cosa o che ne fu derubato, puo' ripeterla da quello presso cui la trova, salvo a questo il regresso **per indennita' contro colui dal quale l'ha ricevuta**".*

*Provvediment li ma nsibuhx fil-Kodici Civili Taljan tal-1942[11]. L-Artikolu 2276 tal-Kodici Civili Franciz jipprovdi:-*

> *"Nevertheless, the person who has lost or from whom an asset has been stolen, may claim it during three years, from the day of the loss or theft, against the one in whose hands he finds it, subject to the remedy of the latter against the one from whom he holds it"[12].*

---

[10] F'dik is-sentenza l-qorti cahdet l-appell tal-konvenuti Bajada u ma qesitx l-appell ta' Mizzi Antiques Limited gialadarba ma kenitx talbet il-permess ta' din il-qorti biex tappella.

[11] L-Artikolu 1153 tal-Kodici Civili Taljan attwali jipprovdi: *"Colui al quale sono alienati beni mobili da parti di chi non ne e' proprietario, ne acquista la proprieta', purche' sia in buona fede al momento della consegna e sussista un titolo idoneo al trasferimento della proprieta'.*
*La proprieta' si acquista libera da diritti altrui sulla cosa, se questi non risultano dal titolo e vi e' la buona fede dell'acquirenti.*
*Nello stesso modo si acquistano I diritti di usufrutto, di uso e di pegno"*.

[12] *"En fait de meubles, la possession vaut titre. Néanmoins, celui qui a perdu ou auquel il a été*

*Id-differenza bejn l-Artikolu 559 tal-Kodici Civili Malti u l-Artikolu 708 tal-Kodici Civili Taljan hu li skond il-ligi Taljana l-indenniz kellu jintalab minghand min l-akkwirent, fil-kaz in ezami l-konjugi Bajada, ircieva l-mobbli.*

*Il-konjugi Bajada jsostnu li gialadarba l-atturi ddikjaraw li l-mejda tiswa €93,174.85[13], allura dan ghandu jkun l-ammont li l-atturi ghandhom ihallsuhom. Fin-nota ta' sottomissjonijet qalu:-*

> *"9. Illi in kwantu l-ligi titkellem minn indenniz, m'ghandux ikun hemm dubju li l-valur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa dak fil-mument li l-Qorti taghti lok ghar-rivendika mitluba".*

*Da parti taghhom il-konvenuti ghamlu riferenza ghal dak li qal il-gurista Ricci:*

> *"il terzo di buona fede non puo' impedire al proprietario di reclamare la cosa da lui smarrita o derubatagli,* ***ma puo' costringerlo soltanto a pagare il prezzo che gli e' costata, ove intenda riaverla****. Da cio' si deduce, che il terzo acquirente in buona fede di una cosa smarrita o sotratta la fa sua, ma' e' costretto a cederla al proprietario che la smarri, o che ne fu derubato, allo stesso prezzo che a lui e' costata, ove questi lo voglia" (Diritto Civile, Possesso, pagna 260 §140).*

*Pero' hawnhekk Ricci kien qieghed jikkummenta dwar l-Artikou 709 tal-Kodici Civili Taljan, li kien jipprovdi:-*

> *"Se pero' l'attuale possessore della cosa sotratta o smarrita l'ha comprata in una fiera o in un mercato, ovvero all'occasione di una vendita pubblica, o da un commerciante che faccia pubblico spaccio di simili oggetti, il proprietario non puo' ottenere la restituzione della cosa sua,* ***se non rimborsando il possessore del prezzo che glie e' costata****".*

*"Provvediment li m'ghandniex bhalu fil-Kodici Civili Malti.*

*Ir-riferenza ghal-ligi Franciza (Artikolu 2280[14]) m'hijiex flokha ghaliex f'dak il-provvediment jinghad espressament li s-sid ghandu jhallas lura*

---

*volé une chose peut la revendiquer pendant trois ans à compter du jour de la perte ou du vol, contre celui dans les mains duquel il la trouve ;* ***sauf à celui-ci son recours contre celui duquel il la tient****".*

[13] Ara per ezempju mandat ta' sekwestru **M. Cremona et vs Eucharist Bajada et** (1791/06) [fol. 143], kif ukoll ittra datata 17 ta' Jannar 2003 li l-atturi baghatu lill-pulizija fejn iddikjaraw li l-mejda, oggett ta' din il-kawza, ghandha valur ta' Lm40,000 [item 9] (fol. 114).

[14] *"Se il possessore attuale della cosa rubata o smarrita l'ha comperata in una fiera o in un mercato o in una vendita pubbica, o da un commerciante che venda simili oggetti, il proprietario non puo' farsela restituire* ***se non rimborsando*** *il possessore* ***del prezzo che gli e' costata****".*

*l-prezz li t-terz in bona fede hallas meta xtara l-oggett. Provvediment identiku ghall-Artikolu 709 tal-Kodici Civili Taljan.*

*Il-qorti hi tal-fehma li l-Artikolu 559 ghandu jigi nterpretat fis-sens li l-indenniz ghandu jkun il-hlas lura tal-prezz li hallas il-pussessur in buona fede. Hekk ukoll ghandu dritt per ezempju ghall-ispejjez li jkun ghamel sabiex jirrestawra jew jikkonserva l-oggett. Fil-fehma tal-qorti l-ligi ghandha tigi nterpretata b'mod li l-patrimonju tal-akkwirent ma jsofriex telf filwaqt li l-pussessur jerga' jitqieghed fl-istess posizzjoni li kien qabel nghata l-pussess tal-mobbli. Ma tkunx gustizzja li r-rivendikant jigi kostrett ihallas ghall-apprezzament fil-valur tal-mobbli. Kieku jkun mod iehor ifisser li d-derubat qieghed jinkorri t-telf kollu hu, meta dan m'huwiex dak li riedet il-ligi. Dan apparti li l-atturi m'humiex jixtru lura l-mejda minghand il-konvenuti izda jirrivendikaw lura hwejjighom minghand il-konjugi Bajada li huma l-pussessuri (ara* ***C. Petroni proprio et nomine vs J. Fenech*** *deciza mill-Prim'Awla fil-15 ta' Jannar 1957, Volum XLI.ii.828). Ghallinqas fil-konfront tas-sid, il-halliel li jbiegh oggett misruq kull ma jkun qieghed jaghti huwa l-pussess u mhux il-proprjeta' tal-oggett. Fil-fatt l-Artikolu 559 tal-Kodici Civili jipprovdi li s-sid jista' jitlob lura l-oggett minghand* ***il-pussessur****. Is-sid ma jipprocedix biex jinhall il-bejgh izda biex jirrivendika lura l-oggett minghand il-pussessur.*

*Fis-sentenza tal-15 ta' Novembru 2013 il-qorti diga' kkonkludiet li l-konjugi Bajada xtraw il-mejda ghas-somma ta' Lm6,000 (€13,976.24). Dan hu l-indennizz dovut lill-konjugi Bajada, u b'hekk jitqieghdu fil-posizzjoni li kienu qabel hadu l-pussess tal-mejda. Imghax m'huwiex dovut meqjus ukoll li l-mejda kienet fil-pussess tal-konvenuti Bajada*"

6. B'Rikors tal-Appell imressaq fit-13 ta' April, 2015, u għar-raġunijiet hemm imfissra, MAL talbet li din il-Qorti jogħġobha tibdel, tvarja u tirriforma s-sentenzi appellati: (a) <u>fir-rigward tal-ewwel sentenza appellata</u>, billi (i) tikkonfermaha safejn iddisponiet mill-eċċezzjonijiet ta' Bajada, safejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża Desmond Mizzi u ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju, safejn sabet li l-atturi kienu s-sidien tal-mejda u safejn laqgħet il-ħames eċċezzjoni tagħha li hija kienet kisbet il-mejda b'bona fidi u għalhekk kien jgħodd dak li jgħid l-Artikolu 558(1) tal-Kodiċi Ċivili; u billi (ii) tħassarha u tirrevokaha safejn

kienet ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2155(1) tal-imsemmi Kodiċi u, minflok, tilqa' l-imsemmija eċċezzjoni u ssib li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni, u wkoll safejn kienet ċaħdet f'biċċa t-tielet eċċezzjoni tagħha (li t-talbiet attriċi ma jistgħux jintlaqgħu kontriha ladarba, fiż-żmien li tressqet il-kawża, MAL ma kinitx għadha iżjed fil-pussess tal-mejda) u, minflok, tiċħad it-talbiet attriċi fil-konfront ta' MAL, u safejn ordnat lil MAL tħallas l-ispejjeż marbuta mal-ewwel sentenza appellata u, minflok, tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż b'mod aktar ekwu, ġust u li jirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ; u (b) <u>fir-rigward tat-tieni sentenza appellata</u>, billi tikkonfermaha safejn iddisponiet mill-kwestjoni tal-indenniżż u mit-tieni u t-tielet talbiet attriċi, imma tħassarha u tirrevokaha safejn ordnat li MAL tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tagħha u, minflok, tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż b'mod aktar ekwu, ġust u li jirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

7. L-appellati laqgħu għall-imsemmi appell b'Risposta li ressqu fit-13 ta' Awwissu, 2015, li biha, fl-ewwel lok, qalu li l-mertu tal-każ huwa eżawrit għaliex Bajada raddew lura l-mejda skond kif ordnat fit-tieni sentenza appellata u tħallsu l-kumpens ordnat minn dik l-istess Qorti. Madankollu, dwar l-aggravji ta' MAL u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li s-sentenzi appellati jistħoqqilhom ikunu konfermati u li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell ta' MAL bl-ispejjeż kontriha;

8. Għalkemm Bajada kienu notifikati bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni, ma ressqu l-ebda Risposta għall-appell ta' MAL;

9. Billi fil-mori tal-appell, miet l-intimat appellat Eucharist Bajada u l-wirt tiegħu baqa' battal u ħadd ma deher biex jassumi l-atti, il-Qorti għaddiet għall-ħatra ta' kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmi wirt;

10. Semgħet id-dikjarazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tad-19 ta' Ottubru, 2021, li biha qalu li ma kellhomx x'iżidu mas-sottomissjonijiet miktuba tagħhom u f'liema data l-Qorti ħalliet il-kawża għallum għas-sentenza;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

12. Illi bl-azzjoni tagħhom l-appellati riedu jieħdu lura f'idejhom mejda antika li kienet f'idejn Bajada u li, fl-imgħoddi, kienet tagħmel mill-wirt ta' qariba tagħhom (zithom) li mietet f'Marzu tal-1993 u ħalliet lil ommhom bħala werrieta universali waħdanija tagħha. L-appellati qalu li dik il-mejda kienet tħalliet fid-dar tal-mejta, imma kuġinuhom daħal jgħix fiha flimkien ma' martu sakemm tneħħa minn hemm bis-saħħa ta' sentenza mogħtija

minn din il-Qorti fit-13 ta’ Marzu, 2001[15] u wara l-ħruġ ta’ Mandat ta’ Żgumbrament. Matul iż-żmien li l-kuġin tal-appellati kien qiegħed iżomm il-pussess tad-dar, ittieħdu bosta ħwejjeġ li kienu jinsabu fiha, fosthom il-mejda. Il-kuġin kien biegħ dik il-mejda lil MAL li, min-naħa tagħha, esponietha flimkien ma’ mobbilja oħra, f’wieħed mill-istabilimenti tagħha. Bajada xtrawha mingħandha. Ġara li l-attriċi appellata Miriam Cremona nzertat kienet waqt irkant imniedi minn irkantatur ieħor f’Diċembru tal-2006, u l-mejda ratha hemm wara li Bajada kienu qatgħuha li jitolbu l-bejgħ tagħha f’dak l-irkant;

13. Illi jidher li, wara li ngħatat it-tieni sentenza appellata, Bajada raddew lura l-mejda lill-appellati, wara li dawn ħallsuhom il-kumpens stabilit mill-ewwel Qorti f’dik is-sentenza;

14. Illi MAL tqajjem **tliet aggravji** mis-sentenzi appellati. L-ewwel wieħed, marbut mal-ewwel sentenza appellata, jirrigwarda ċ-ċaħda mill-ewwel Qorti tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma dwar l-azzjoni attriċi. Bit-tieni aggravju, marbut ukoll mal-ewwel sentenza appellata, MAL tilmenta li l-ewwel Qorti ma messhiex ċaħditilha l-eċċezzjoni li t-talbiet attriċi ma setgħux jintlaqgħu kontra tagħha, ladarba hija ma kellhiex il-pussess tal-mejda fl-ebda waqt li l-kawża kienet infetħet u matul is-smigħ

[15] Ċitazz. Nru. 712/93 fl-ismijiet ***Marie-Loiuse Muscat Inglott sive Muscat Manduca et v Louis Manduca*** (konfermata b’sentenza ta’ ritrattazzjoni minn din il-Qorti fis-6 ta’ Diċembru, 2002)

kollu tagħha. It-tielet aggravju, marbut kemm mal-ewwel sentenza appellata u kif ukoll mat-tieni sentenza appellata, jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti qasmet l-ispejjeż tal-kawża;

15. Illi fl-**ewwel aggravju** tagħha, filwaqt li tisħaq li bħala msejħa fil-kawża għandha l-jeddijiet kollha li l-liġi tagħti lill-parti mħarrka, MAL tgħid li l-eċċezzjoni tagħha li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn maħsuba fl-Artikolu 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili kienet waħda tajba u l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li ċaħditha. Hija tqis li l-ewwel Qorti kejlet iż-żmien tal-preskrizzjoni minn dakinhar li l-mejda għaddiet f'idejn Bajada, u mhux minn meta kienet għaddiet f'idejn MAL, li kien żmien qabel. Hija tfakkar li l-mejda ġiet f'idejha l-ewwel darba f'Ottubru tal-2000, u kien biss f'Jannar tal-2011 li laqgħet in-notifika tal-ewwel att ġudizzjarju li qatt intbagħtilha fir-rigward tal-mejda mertu tal-każ. Iżżid tgħid li l-appellati żgur li saru jafu li l-mejda kienet tneħħiet mid-dar li wirtet ommhom f'Jannar tal-2003, meta saret l-eżekuzzjoni tas-sentenza li biha l-kuġin tagħhom kien żgumbrat mid-dar u sar magħruf li ħafna mill-mobilja – magħduda l-mejda – ma kinux għadhom fl-imsemmi fond. Ukoll jekk wieħed kellu joqgħod fuq l-argument imressaq mill-appellati nfushom, li saru jafu bis-serq tal-mejda fl-2006, xorta waħda jiġi li ż-żmien preskrittiv tas-sentejn maħsub fl-Artikolu 2155(1) laħaq għalaq, ladarba l-mejda nkisbet minnha b'bona fidi;

16. Illi għal dan l-aggravju l-appellati jilqgħu billi jgħidu li, fil-każ ta' MAL, iż-żmien preskrittiv li jgħodd għall-każ kien dak maħsub fl-Artikolu 2155(2) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk iġib miegħu li jgħodd ukoll l-Artikolu 2154(2) tal-istess Kodiċi li jagħmilha ċara li min b'rieda jilqa' għandu jew jixtri ħaġa misruqa u jkun jaf li hija misruqa jew miksuba bi frodi, ma jista' jippreskrivi qatt, jgħaddi kemm jgħaddi żmien. L-appellati jsibu l-mala fidi li biha mxiet MAL fi prova dokumentali (inventarju tad-Ditta *Mizzi Antiques*) li tindika li MAL xtrat il-mejda mingħand Louis Manduca għal ħamest elef tmien mija u tlieta u għoxrin euro u tlieta u erbgħin ċenteżmi (€5823.43) u fi żmien qasir wara irreġistratha f'dak id-dokument bħala mobbli ta' valur li jaqbeż id-doppju ta' kemm kienet xtratha. Għall-appellati, din iċ-ċirkostanza tikxef il-mala fidi ta' MAL li kienet tagħraf li l-valur veru tal-mejda kien ħafna aktar minn dak li ħallset biex kisbitha u li b'hekk ix-xiri b'dak il-prezz kien wieħed li jagħti 'l dak li jkun x'jaħseb dwar il-provenjenza ta' dik il-mejda. Minbarra dan, l-appellati ma kinux jafu li, qabel ma l-mejda ġiet f'idejn Bajada, dawn kienu kisbuha mingħand MAL. Kien biss f'Ottubru tal-2009 – meta Bajada ressqu t-Tweġiba Maħlufa tagħhom għall-azzjoni tal-appellati – li ssemma l-ewwel darba li huma kienu xtrawha mingħand MAL. Għalhekk, l-appellati jgħidu li ż-żmien preskrittiv, jekk kellu jimxi skond l-Artikolu 2155(1) tal-Kodiċi Ċivili, kien seta' jibda miexi biss minn dakinhar. L-atti tal-kawża kienu laħqu ġew notifikati lil MAL sa qabel ma għalaq iż-żmien imsemmi f'dak l-artikolu;

17. Illi l-Qorti tagħraf li t-trattazzjoni ta' dan l-aggravju tista' tkun biss eżerċizzju akkademiku, ladarba l-appellati reġgħu ħadu l-mejda taħt idejhom u l-mertu tat-tieni sentenza appellata ngħalaq. Madankollu, l-istħarriġ ta' dan l-aggravju jibqa' sa ċertu punt meħtieġ. Jibda biex jingħad li MAL tinsab parti f'din il-kawża għaliex issejħet biex tidħol minn Bajada u mhux mill-appellati. Kif qalet din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Mejju, 2010, ir-raġuni għaliex MAL issejħet fil-kawża kien sewwasew minħabba l-jedd ta' Bajada, bħala xerrejja tal-mejda mingħand MAL, biex din tħarishom mill-evizzjoni li setgħet issirilhom (u, fil-fatt, saritilhom) bis-saħħa tal-azzjoni mibdija mill-appellati. Dan il-jedd jitnissel mill-qafas tar-rabta kuntrattwali ta' bejgħ maħluqa bejn ix-xerrej (Bajada) u l-bejjiegħ (MAL) u l-garanzija li l-istess bejjiegħ ikun ta lix-xerrej kif titlob il-liġi. Hija l-liġi nnifisha li tipprovdi għas-sejħa fil-kawża tal-bejjiegħ f'każ bħal dan tallum[16];

18. Illi, ladarba huwa hekk, MAL ma setgħetx tinqeda bil-preskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2155 tal-Kodiċi Ċivili kif setgħu jinqdew biha Bajada. Fil-fehma tal-Qorti, iż-żmien preskrittiv li MAL setgħet tinqeda bih kien ieħor u li, skond il-liġi, kien jibda miexi mhux minn dakinhar tal-bejgħ, imma minn dakinhar li x-xerrej iġarrab l-evizzjoni tal-ħaġa mixtrija[17]. Fil-każ tallum, l-evizzjoni seħħet bis-saħħa tat-tieni sentenza appellata. Ma

[16] Art. 1422 tal-Kap 16
[17] Art. 1423 tal-Kap 16

hemmx dubju li dak iż-żmien ma kienx laħaq għadda (lanqas biss kien beda miexi) billi MAL issejħet fil-kawża żmien qabel ma ngħatat dik is-sentenza;

19. Illi għalhekk l-ilment ta' MAL li l-ewwel Qorti qieset l-eċċezzjoni mqajma biss mil-lat ta' Bajada ma huwiex wieħed mistħoqq, għaliex dik il-Qorti għarfet sewwa n-natura tal-azzjoni mressqa quddiemha u xejn anqas tar-raġuni għalfejn MAL kienet issejħet fil-kawża. Għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, l-aggravju mhux se jintlaqa';

20. Illi fit-**tieni aggravju** MAL tgħid li l-ewwel Qorti ma messhiex ċaħditilha parti mit-tielet eċċezzjoni tagħha li kienet tgħid li l-azzjoni attriċi ma setgħetx titressaq kontra tagħha ladarba l-mejda ma kinitx fil-pussess tagħha fl-ebda żmien li nbdiet u tmexxiet din il-kawża. MAL tibni dan l-aggravju tagħha fuq il-fatt li hi, bħala msejħa fil-kawża, għalkemm kienet fl-istess qagħda tal-parti mħarrka, ma kellhiex twieġeb għall-pretensjonijiet tal-appellati, billi dawk it-talbiet ma setgħu qatt jintlaqgħu fil-konfront tagħha. Kemm hu hekk, fit-tieni sentenza appellata, l-ewwel Qorti ordnat lill-appellati nfushom, u mhux lilha, biex iħallsu l-kumpens lil Bajada;

21. Illi dwar dan l-aggravju, l-appellati qalu li ma kellhomx sottomissjonijiet x'jagħmlu, imma ħallew f'idejn din il-Qorti biex tagħti l-fehma tagħha hi;

22. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju jrid jitqies ma' dak ta' qablu. Terġa' ttenni li MAL issejħet fil-kawża minħabba li kienet hi li ggarantiet lil Bajada kontra l-evizzjoni u għalhekk il-fatt li hi ma kienx għad għandha l-pussess tal-mejda rivendikata ma kienx b'daqshekk jeħlisha milli tibqa' fil-kawża. Jidher ċar li fl-ewwel sentenza appellata[18] l-ewwel Qorti għamlitha aktar minn ċara għal liema raġuni kienet qiegħda tiċħad parti minn dik l-eċċezzjoni ta' MAL u għaliex rabtitha wkoll bil-ħlas ta' parti mill-ispejjeż marbuta ma' dawk l-eċċezzjonijiet;

23. Illi għalhekk din il-Qorti ssib li dan l-aggravju wkoll ma jistħoqqlux jintlaqa';

24. Illi fit-**tielet aggravju** MAL tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti rabtitha bil-ħlas ta' parti mill-ispejjeż fiż-żewġ sentenzi appellati. Hija tisħaq li fl-ebda waqt ma kienet qiegħda tikkontesta l-jedd li l-appellati jieħdu lura l-mejda jekk kemm-il darba tassew kienet tagħhom: kulma għamlet f'din il-kawża kien li tisħaq li l-azzjoni attriċi ma setgħetx titressaq kontriha wkoll;

[18] § 2(iii) tal-parti dispożittiva ta' dik is-sentenza

25. Illi l-appellati jgħidu li ma huwiex sewwa li huma jintalbu jerfgħu parti mill-ispejjeż ta' MAL, ladarba ma kinux huma li talbu s-sejħa fil-kawża tagħha. Ifakkru li MAL ma ħaditx irwol passiv fil-kawża u l-ewwel sentenza appellata kellha tingħata wkoll minħabba l-eċċezzjonijiet li qajmet u li ma ntlaqgħux kollha;

26. Illi fis-sewwa, is-siwi ta' dan l-aggravju jitkejjel mal-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti għamlet aktar qabel. Jidhrilha li l-ewwel Qorti tat raġunijiet ċari biżżejjed għaliex kienet iddeterminat il-kap tal-ispejjeż bil-mod hemm imfisser u dak l-eżerċizzju huwa wieħed imwieżen fuq is-sehem li Bajada u MAL ħadu f'din il-kawża. Huwa eżerċizzju li l-liġi tippermetti li jintgħamel taħt l-Artikolu 223(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u din il-Qorti ma ssib xejn li juriha li l-ewwel Qorti nqdiet ħażin b'dik l-għażla;

27. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma huwa tajjeb u mhux se' jintlaqa';

***Decide:***

28. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tal-kumpanija msejħa fil-kawża Mizzi Antiques Limited kemm mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2013 fil-kawża fl-ismijiet premessi u kif ukoll mis-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 2015, fil-kawża fl-istess ismijiet, u tikkonferma għal kollox l-istess sentenzi; u

**Tordna** li l-kumpanija appellanti tħallas l-**ispejjeż ta' dan l-appell**, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu regolati skond ir-rispettivi sentenzi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr